# It-Tnejn u Tletin Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Is-sultan tad-dinja għad iqajjimna għall-ħajja ta' dejjem.*

2 Makk 7, 1-2. 9-14

**Qari mit-Tieni Ktieb tal-Makkabej**

1F'dak iż-żmien, qabdu sebat aħwa u 'l ommhom; u s-sultan beda
biex jisfurzahom bid-daqqiet tas-swat u tan-nerv biex jieklu l-laħam
tal-majjal li ma jiswiex.

2Wieħed minnhom beda jitkellem f'isem l-oħrajn u qal: «X'int tfittex
tistaqsi u trid taf minna? Aħna lesti mmutu, imma m'aħniex lesti
niksru l-liġijiet ta' missirijietna.»

9U t-tieni wieħed, kif kien fl-aħħar nifs, qallu: «Int, bniedem
mill-agħar, int se ċċaħħadna mill-ħajja ta' issa, imma s-sultan
tad-dinja għad iqajjimna għall-ħajja ta' dejjem, lilna li se mmutu
għal-liġijiet tiegħu.»

10Imbagħad wara dan bdew jittorturaw it-tielet wieħed u malli talbuh
ħareġ minnufih ilsienu u bla biza' ta' xejn midd idejh 11u ta' qalbieni
li kien għajjat: «Mis-sema ksibthom dawn, u għal-liġijiet tiegħu jien
nistmerrhom, għax mingħandu nittama li għad nerġa' niksibhom.»
12Saħansitra s-sultan u dawk ta' madwaru stagħġbu bil-qawwa ta'
dan iż-żagħżugħ, kif l-uġigħ ma kien iqisu xejn.

[13]Meta miet dan bdew jittorturaw u jbiċċru r-raba' wieħed bl-istess
mod. [14]Meta wasal fl-aħħar qal: «Aħjar li wieħed imut b'idejn
il-bnedmin meta jkollu t-tama mingħand Alla li għad iqajmu
mill-ġdid. Imma għalik m'hemmx qawmien għall-ħajja.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 16 (17), 1.5-6.8b u 15

R/. (15b): Meta nqum nitħenna bid-dehra tiegħek

[1]Isma', Mulej, il-kawża ġusta tiegħi,
ilqa' l-għajta tiegħi,
agħti widen għat-talb tiegħi;
bla qerq huma xufftejja. R/.

[5]Il-mixi tiegħi żammejt fi triqatek,
qatt ma għotru riġlejja.
[6]Insejjaħlek, għax int tweġibni, o Alla;
ressaq widintek lejja, isma' kliemi. R/.

[8]Għad-dell ta' ġwenħajk kenninni.
[15]Jien, fil-ħaqq, għad nara 'l wiċċek;
meta nqum, nitħenna bid-dehra tiegħek. R/.

# Qari II

***Il-Mulej isaħħaħkom f’kull għemil u kelma tajba.***

2 Tess 2, 16 – 3, 5

**Qari mit-Tieni Ittra ta’ San Pawl Appostlu lit-Tessalonikin**

Ħuti, [16]Sidna Ġesù Kristu stess u Alla Missierna, li ħabbna u tana
l-kuraġġ ta’ dejjem u t-tama sħiħa bil-grazzja, [17]jqawwilkom qalbkom
u jsaħħaħkom f’kull għemil u kelma tajba.

[3,1]Mill-bqija, ħuti, itolbu għalina biex il-kelma tal-Mulej tiġri l-ġirja
tagħha u tkun milqugħa bil-ġieħ bħalma ġara fostkom. [2]Itolbu biex
inkunu meħlusa minn nies ħżiena u bla liġi. Għax mhux kulħadd
għandu l-fidi. [3]Iżda l-Mulej hu fidil: hu jwettaqkom u jħariskom
mill-Ħażin.

[4]Aħna żguri minnkom fil-Mulej, jiġifieri, li intom qegħdin tagħmlu u
għad tagħmlu dak li ordnajnielkom. [5]Jalla l-Mulej iwassal lil qlubkom
għall-imħabba ta’ Alla u s-sabar ta’ Kristu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Apok 1, 5a. 6b

Hallelujah. R/. Hallelujah
Ġesù Kristu, il-Kbir fost il-mejtin:
lilu l-glorja u s-setgħa għal dejjem ta’ dejjem.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

***Mhuwiex Alla tal-mejtin, iżda tal-ħajjin.***

Lq 20, 27-38

## ✠ Qari mill-Evanġelju skont San Luqa

F'dak iż-żmien, [27]resqu fuqu xi wħud mis-sadduċej, dawk li jiċħdu
l-qawmien mill-imwiet, u staqsewh: [28]«Mgħallem, Mosè ħallielna
miktub: "Jekk wieħed imutlu ħuh miżżewweġ u dan ikun bla tfal,
dak ikollu jiżżewweġ l-armla biex inissel ulied lil ħuh." [29]Issa jkun
hemm sebat aħwa, u l-kbir iżżewweġ u miet bla tfal. [30]It-tieni wieħed,
[31]u mbagħad it-tielet, f'kelma waħda, is-sebgħa li kienu, ħadu l-armla,
u mietu bla ma ħallew tfal. [32]Fl-aħħar mietet il-mara wkoll. [33]Issa din,
fil-qawmien tal-imwiet, mart min minnhom tkun? Għax
is-sebgħa jkunu żżewġuha.»

[34]Weġibhom Ġesù: «Il-bnedmin f'din id-dinja jiżżewġu u jżewġu;
[35]imma dawk li jkun jistħoqqilhom jgħaddu għad-dinja l-oħra u
jqumu mill-imwiet, dawn la jżewġu u lanqas jiżżewġu. [36]Għax anqas
jistgħu jmutu iżjed, għaliex ikunu bħall-anġli, u huma wlied Alla
ladarba qamu mill-imwiet. [37]U li l-mejtin iqumu, Mosè wkoll urieh,
fir-rakkont tax-xitla tal-għollieq, għax lill-Mulej isejjaħlu Alla ta'
Abraham, Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakobb. [38]Issa hu mhuwiex Alla
tal-mejtin, iżda tal-ħajjin, għax għalih kulħadd jgħix.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Tifħir lilek Kristu